ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2015

| Il-Ħames Sena | IL-MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ) | Il-Ħin: 30 minuta |
|---|---|---|

# Il-Karta tal-Għalliema
# Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ

1. Qassam il-karti bil-mistoqsijiet u itlob lit-tfal jiktbu isimhom, kunjomhom u l-klassi. Ħaddem id-diska kompatta u ara li kulħadd qed jisma'. L-iskript jinqara darbtejn.

2. F'każ li d-diska kompatta ma taħdimx, aqra l-iskript kollu bil-mod u b'leħen ċar kemm tista'. L-iskript **aqrah darbtejn**, kwarta kull darba.

***Tfal, tistgħu tibdew taqraw il-mistoqsijiet f'qalbkom. Għandkom 5 minuti. Tiktbu xejn.***

**(Wara 5 minuti)**

***Issa se nisimgħu djalogu bejn Denise u Nikol. Tistaqsu, dawn min huma? Isimgħu sew x'għandhom xi jgħidu bejniethom għax wara tridu twieġbu l-mistoqsijiet fuq dak li qalu. Id-djalogu u l-mistoqsijiet se jinstemgħu darba, u nagħtikom iċ-ċans twieġbu. Wara, terġgħu tisimgħu l-istess djalogu u l-istess mistoqsijiet.***

***Waqt li qed tisimgħu dan id-djalogu, tistgħu tibdew twieġbu l-mistoqsijiet. Fl-istess ħin, iżda, ibqgħu attenti għal dak li qegħdin tisimgħu.***

***Se nibdew.***

| | |
|---|---|
| Denise | Ara Nikol! Fejn hi rasek? |
| Nikol | Ara Denise! Ħeqq, kont imsiefer. |
| Denise | Iva? Fejn mort sabiħ? |
| Nikol | Mort il-Filippini. Pajjiż 'il bogħod ħafna minn Malta. |
| Denise | Naf li huwa 'l bogħod, u inti l-ewwel persuna li naf li mort hemmhekk. Sabiħ xejn? |
| Nikol | Sabiħ ħafna! Qattajt ħmistax hemmhekk. Dort ħafna, imma l-pajjiż tant hu kbir li għandek mill-inqas sena biex idduru kollu! Ara, ħalli ngħidlek. Il-Filippini huwa magħmul minn ħafna gżejjer. Qisu xi ftit bħal pajjiżna li, kif taf, huwa magħmul minn tliet gżejjer żgħar. Issa l-Filippini huwa magħmul minn iktar minn elf gżira. |
| Denise | Illaħwa! |
| Nikol | Niftiehmu. Hemm ħafna gżejjer li fuqhom ma jgħixux nies. Dawn il-gżejjer huma miksijin bis-siġar u fuqhom jgħixu xi annimali. Uħud minn dawn il-gżejjer huma għoljin ħafna għax fihom il-muntanji u ġieli xi vulkani wkoll. |
| Denise | Hemm il-vulkani wkoll? |
| Nikol | Dażgur li hemm il-vulkani! Fil-fatt wieħed mill-vulkani, li jinsab fil-Lvant tal-Filippini, qed jerġa' jqum. Dan l-aħħar beda jarmi biċċiet kbar tal-lava. In-nies tal-post qed jibżgħu li dal-vulkan jista' jiżbroffa waħda u sew. Jekk jiġri hekk, ħoll xagħrek u ġib iż-żejt! |

| | |
|---|---|
| Denise | Imma dal-vulkan ġieli żbroffa? |
| Nikol | Iva, b'xorti ħażina. F'dawn l-aħħar ħames mitt sena żbroffa ħamsin darba. Xi għoxrin sena ilu reġa' żbroffa u qatel disgħa u sebgħin ruħ. |
| Denise | Imsieken! |
| Nikol | Iva. Fil-fatt hemmhekk jagħmlu wkoll ħafna terremoti. U minħabba dawn, jinqalgħu mill-qigħan tal-art ħafna biċċiet ta' ġebel u blat prezzjuż, fosthom id-deheb. |
| Denise | Insomma, kollox ma' kollox, jidher li ħadt gost! |
| Nikol | Iva. Kienet esperjenza tal-ġenn u tgħallimt ħafna wkoll. In-nies hemmhekk huma taz-zokkor, għalkemm hemm ħafna faqar. Rajt foresti, muntanji, xmajjar u għadajjar kbar. Xi drabi bdejt inħossni qiegħed il-ġenna! U jien li ma noqgħodx lura minn żaqqi, nista' ngħidlek li kilt tajjeb ukoll. |
| Denise | Mid-dehra ma ddumx ma terġa' tmur! |
| Nikol | Biex ngħidlek, diġà qed inġemma'. Imma did-darba se mmur ix-xaqliba l-oħra tad-dinja. Did-darba se nerħilha għall-Arġentina! |
| Denise | Nawguralek mela! U jekk ma narakx, il-vjaġġ it-tajjeb! |
| Nikol | Grazzi, Denise. Sellili għal oħtok u għal ħuk. |
| Denise | Inservik. Saħħa. |
| Nikol | Saħħa. |

* * *

***Issa li smajtu dan id-djalogu, se naqralkom il-mistoqsijiet. Waqt li qed naqralkom il-mistoqsijiet, tistgħu tibdew taħdmu t-tweġibiet.***

***Mela, issa se naqralkom Taħriġ A.***
***Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħtha skont dak li smajt fis-silta.***

***In-numru wieħed***

F'dan id-djalogu nsiru nafu li r-raġel jismu:

a) Filippu.
b) Nikol.
ċ) Denis.

***In-numru tnejn***

Ir-raġel mar vaganza:

a) il-Filippini.
b) l-Arġentina.
ċ) għand Denise.

***In-numru tlieta***

Il-vaganza damet:

a) ġimgħa.
b) ġimagħtejn.
ċ) sena.

***In-numru erbgħa***

Mis-silta jinħass li r-raġel:

a) ħa gost fil-Filippini.
b) iddejjaq fil-Filippini.
ċ) innervja waqt li kien fil-Filippini.

***In-numru ħamsa***

Mis-silta jinħass li r-raġel:

a) qed jieħu gost jirrakkonta ġrajjietu fil-Filippini.
b) qed jiddejjaq jirrakkonta ġrajjietu fil-Filippini.
ċ) m'għandux xi jgħid fuq il-Filippini.

*In-numru sitta*

Mis-silta jinħass li l-mara:

a) hija interessata f'dak li qed jgħid ir-raġel.

b) mhijiex interessata f'dak li qed jgħid ir-raġel.

ċ) qed tieħu lir-raġel biċ-ċajt fuq dak li qed jgħid.

***Issa se ngħaddu għal Taħriġ B.***

***Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal fil-kaxxa t-tajba.***

*In-numru wieħed*

Il-Filippini huwa magħmul minn iktar minn tliet gżejjer. *Veru jew falz?*

*In-numru tnejn*

Fil-gżejjer kollha tal-Filippini nsibu l-vulkani. *Veru jew falz?*

*In-numru tlieta*

Vulkan minnhom qed jibda jarmi l-biċċiet tal-lava u jinsab fix-Xlokk tal-pajjiż. *Veru jew falz?*

*In-numru erbgħa*

Il-mara tnikktet malli semgħet x'għamel il-vulkan għoxrin sena ilu. *Veru jew falz?*

*In-numru ħamsa*

Ir-raġel ma jagħtix eżempji ta' ġebel prezzjuż li hemm fil-Filippini. *Veru jew falz?*

*In-numru sitta*

Ir-raġel ħa gost fil-Filippini minkejja li ra ħafna nies foqra. *Veru jew falz?*

***Issa se ngħaddu għal Taħriġ Ċ.***

***Imla l-vojt b'kelma waħda skont is-sens tas-silta.***

*In-numru wieħed*

Fil-Filippini r-raġel ra foresti, muntanji, xmajjar u ______________________ kbar.

*In-numru tnejn*

Skont ir-raġel, fil-Filippini ______________________ ikel tajjeb.

*In-numru tlieta*

Skont is-silta, Nikol jaf lil ______________________ Denise u lil ħuha.

*In-numru erbgħa*

Nindunaw li l-mara tixtieqlu xewqat sbieħ lir-raġel għax fl-aħħar tgħidlu ______________________.

***Issa wasalna għall-aħħar taħriġ, it-Taħriġ D.***

***Agħżel it-tifsira t-tajba skont is-sens tas-silta billi taqta' sinjal taħtha.***

*In-numru wieħed*

Malli l-mara tiltaqa' mar-raġel issaqsih hekk: **Fejn hi rasek?** Hi riedet tfisser:

a) li kienet ilha ma tarah.

b) li ras ir-raġel iċċaqalqet.

ċ) li r-raġel tilef rasu xi mkien.

*In-numru tnejn*

Ir-raġel jgħid li jekk jiżbroffa l-vulkan **ħoll xagħrek u ġib iż-żejt**. B'din l-espressjoni r-raġel ried ifisser li jekk jiżbroffa l-vulkan:

a) jista' jitħabbillek xagħrek.

b) isibu ż-żejt taħt l-art.

ċ) ikun hemm ħafna biża' u nkwiet.

*In-numru tlieta*

Ir-raġel jgħid li d-darba li jmiss biħsiebu jmur **ix-xaqliba l-oħra tad-dinja**. Hawnhekk ried ifisser li d-darba li jmiss ir-raġel biħsiebu:

a) jibqa' fl-istess naħa tal-Filippini.

b) imur in-naħa l-oħra tad-dinja.

ċ) jibqa' d-dar.

*In-numru erbgħa*

Skont ir-raġel, in-nies tal-Filippini huma **taz-zokkor**. B'din l-espressjoni r-raġel ried ifisser li n-nies tal-Filippini:

a) iħobbu jieklu l-ħelu.

b) huma dħulin.

ċ) huma suppervi.

*Issa se nerġgħu nisimgħu d-djalogu u l-mistoqsijiet. Tistgħu tiċċekkjaw it-tweġibiet tagħkom u timlew fejn ħallejtu vojt.*

Wara li ssemma' s-silta u l-mistoqsijiet għat-tieni darba, agħti ftit minuti lit-tfal biex tara li jkunu lesti. Fl-aħħar tista' tgħid:

*Grazzi! L-eżami tas-smigħ spiċċa.*

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI

Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu

It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2015

| Il-Ħames Sena | IL-MALTI<br>(Il-Fehim mis-Smigħ) | Il-Ħin: 30 minuta |
|---|---|---|

# Il-Karta tal-Istudenti

L-isem u l-kunjom: ______________________________ Il-klassi: _________

| Il-Marki |
|---|
| Il-Fehim mis-Smigħ |
| ________<br>20 marka |

*Kull tweġiba tajba tingħata marka.*

## Taħriġ A

**Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħtha skont dak li smajt fis-silta.**

1. F'dan id-djalogu nsiru nafu li r-raġel jismu:
   a) Filippu.
   b) Nikol.
   ċ) Denis.

2. Ir-raġel mar vaganza:
   a) il-Filippini.
   b) l-Arġentina.
   ċ) għand Denise.

3. Il-vaganza damet:
   a) ġimgħa.
   b) ġimagħtejn.
   ċ) sena.

4. Mis-silta jinħass li r-raġel:
   a) ħa gost fil-Filippini.
   b) iddejjaq fil-Filippini.
   ċ) innervja waqt li kien fil-Filippini.

5. Mis-silta jinħass li r-raġel:
   a) qed jieħu gost jirrakkonta ġrajjietu fil-Filippini.
   b) qed jiddejjaq jirrakkonta ġrajjietu fil-Filippini.
   ċ) m'għandux xi jgħid fuq il-Filippini.

6. Mis-silta jinħass li l-mara:
   a) hija interessata f'dak li qed jgħid ir-raġel.
   b) mhijiex interessata f'dak li qed jgħid ir-raġel.
   ċ) qed tieħu lir-raġel biċ-ċajt fuq dak li qed jgħid.

**Taħriġ B**

**Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (✓) fil-kaxxa t-tajba.**

**1.** Il-Filippini huwa magħmul minn iktar minn tliet gżejjer.

VERU ☐ FALZ ☐

**2.** Fil-gżejjer kollha tal-Filippini nsibu l-vulkani.

VERU ☐ FALZ ☐

**3.** Vulkan minnhom qed jibda jarmi l-biċċiet tal-lava u jinsab fix-Xlokk tal-pajjiż.

VERU ☐ FALZ ☐

**4.** Il-mara tnikktet malli semgħet x'għamel il-vulkan għoxrin sena ilu.

VERU ☐ FALZ ☐

**5.** Ir-raġel ma jagħtix eżempji ta' ġebel prezzjuż li hemm fil-Filippini.

VERU ☐ FALZ ☐

**6.** Ir-raġel ħa gost fil-Filippini minkejja li ra ħafna nies foqra.

VERU ☐ FALZ ☐

**Taħriġ Ċ**

**Imla l-vojt b'kelma waħda skont is-sens tas-silta.**

**1.** Fil-Filippini r-raġel ra foresti, muntanji, xmajjar u ______________________ kbar.

**2.** Skont ir-raġel, fil-Filippini ______________________ ikel tajjeb.

**3.** Skont is-silta, Nikol jaf lil ______________________ Denise u lil ħuha.

**4.** Nindunaw li l-mara tixtieqlu xewqat sbieħ lir-raġel għax fl-aħħar tgħidlu ______________________.

**Taħriġ D**

**Agħżel it-tifsira t-tajba skont is-sens tas-silta billi taqta' sinjal taħtha.**

**1.** Malli l-mara tiltaqa' mar-raġel issaqsih hekk: **Fejn hi rasek?** Hi riedet tfisser:

**a)** li kienet ilha ma tarah.
**b)** li ras ir-raġel iċċaqalqet.
**ċ)** li r-raġel tilef rasu xi mkien.

**2.** Ir-raġel jgħid li jekk jiżbroffa l-vulkan **ħoll xagħrek u ġib iż-żejt**. B'din l-espressjoni r-raġel ried ifisser li jekk jiżbroffa l-vulkan:

**a)** jista' jitħabbillek xagħrek.
**b)** isibu ż-żejt taħt l-art.
**ċ)** ikun hemm ħafna biża' u nkwiet.

**3.** Ir-raġel jgħid li d-darba li jmiss biħsiebu jmur **ix-xaqliba l-oħra tad-dinja**. Hawnhekk ried ifisser li d-darba li jmiss ir-raġel biħsiebu:

**a)** jibqa' fl-istess naħa tal-Filippini.
**b)** imur in-naħa l-oħra tad-dinja.
**ċ)** jibqa' d-dar.

**4.** Skont ir-raġel, in-nies tal-Filippini huma **taz-zokkor**. B'din l-espressjoni r-raġel ried ifisser li n-nies tal-Filippini:

**a)** iħobbu jieklu l-ħelu.
**b)** huma dħulin.
**ċ)** huma suppervi.

**- Tmiem il-Karta -**

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2015

| Il-Ħames Sena | IL-MALTI (Il-Fehim mill-Qari u l-Kitba) | Il-Ħin: Siegħa u Kwart |
|---|---|---|

L-isem u l-kunjom: ______________________________ Il-klassi: _________

| Il-Marki | |
|---|---|
| Il-Fehim mill-Qari | Il-Kitba |
| ____ 30 marka | ____ 30 marka |

Aqra sew dan li ġej:

- Ikteb ismek, kunjomok u l-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ifhem sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn. Imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Qis li ma tħalli xejn barra.

IL-FEHIM MILL-QARI

**Aqra dan l-artiklu qasir li ħadnieh minn sit elettroniku.**

**www.annimali.com**

# L-Orsijiet Polari

L-orsijiet polari jgħixu fl-inħawi kesħin tal-Artiku. Il-ġilda tagħhom hija mgħottija b'kowt oħxon u naturali tas-suf. Dan il-kowt huwa lewn is-silġ.



L-orsijiet polari għandhom saħħa tal-għaġeb fuq l-art u kapaċi jaqilbu karozza. Huma għawwiema eċċellenti u jistgħu jgħumu mijiet ta' kilometri 'l bogħod bla ma jegħjew f'ilma nġazzat.

L-orsijiet polari jħobbu jimlew żaqqhom l-aktar bil-foki.

Jekk tifel jew tifla ta' disa' snin jiżnu madwar 25 kilogramma, ors polari jiżen madwar 500 kilogramma.

Dawn l-orsijiet jgħixu madwar 30 sena.

Ibgħat ✉

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq l-artiklu li qrajt.**

**1.** Ikteb fil-kaxxa l-vojta jekk hux **Veru** jew **Falz**. (4 marki)

| | | |
|---|---|---|
| **a.** | Dan l-artiklu deher f'gazzetta. | ____________ |
| **b.** | Fil-paġna nsibu l-indirizz tas-sit elettroniku. | ____________ |
| **ċ.** | L-istampa ta' mal-artiklu m'għandhiex x'taqsam mat-tagħrif. | ____________ |
| **d.** | Dan l-artiklu tista' tibagħtu elettronikament lil sħabek. | ____________ |

**2.** Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel ✓ fil-kaxxa tal-lemin. (4 marki)

| | | | |
|---|---|---|---|
| **a.** | L-orsijiet polari għandhom pil | oħxon u abjad. | |
| | | griż u oħxon. | |
| | | isfar u naturali. | |
| **b.** | L-orsijiet polari ma jgħixux | f'postijiet imdawrin bil-baħar. | |
| | | f'postijiet kollha silġ. | |
| | | fid-deżerti. | |
| **ċ.** | Skont l-artiklu, l-ors polari jiekol | annimali biss. | |
| | | annimali u ħxejjex. | |
| | | ħxejjex u ħut. | |
| **d.** | Ors polari jiżen | iktar minn disgħin kilogramma. | |
| | | inqas minn mitt kilogramma. | |
| | | inqas minn ħamsin kilogramma. | |

**3.** Semmi **ĦAĠA WAĦDA** f'dan l-artiklu li laqtitek. Li kieku inti kont l-awtur, x'informazzjoni kont iżżid fuqha? (2 marki)

______________________________________________________________

______________________________________________________________

## B. Aqra l-istorja **Kesħa xxoqq l-għadam!**



Intom it-tfal tiġġennu għas-sajf. U bir-raġun! Il-baħar, il-frott, il-festi, il-ġelati u fuq kollox il-vaganzi jagħmlu dan l-istaġun l-aqwa wieħed għal ħafna minnkom. Veru li fl-eqqel tas-sajf ix-xemx tkun taqli l-ankri. Imma x'jimporta? L-aqwa li tkunu fid-dell u għall-frisk waqt li tintasbu tieklu xi felli bettieħa friska u ħelwa. **(par. 1)**

Imma mhux kulħadd iħobbu dan l-istaġun! Hawn min igerger għax kollox jibda jwaħħal miegħu. Jinħasel kemm jinħasel xorta waħda jibqa' jħossu mdellek. Għal dawn aħjar kieku twieldu fis-silġ! Imma ngħiduha kif inhi, min jgħix f'postijiet kesħin, ħajtu mhux dejjem ward u żahar. Wara kollox, mhux kulma jleqq hu deheb! **(par. 2)**

Fin-naħat ta' fuq tad-dinja, bħalma huma l-Kanada, ir-Russja u l-Iżlanda, fix-xhur xitwin, l-art kollha tinkesa qisha b'liżar kbir tas-silġ. Veru li xena bħal din taqtagħlek nifsek bi sbuħitha. Imma tant ikun hemm ksieħ u bard li jekk ifettillek toħroġ barra mhux liebes sew, issir silġa inti wkoll! F'ċerti pajjiżi fejn ix-xitwa tkun qalila ħafna, it-temperatura ġieli tinżel ħamsin grad taħt iż-żero. Biex nifhmu aħjar, jekk toħroġ barra b'tazza ilma tagħli, l-ilma jsir blokka silġ f'daqqa! **(par. 3)**

F'dawn il-pajjiżi x-xemx ġieli tagħmel ġimgħat sħaħ ma tidher. Ikun qisu dejjem billejl. Niftiehmu. Min jgħix hawnhekk xorta waħda jkollu jmur għax-xogħol. It-tfal xorta waħda jkollhom imorru l-iskola. Imma minflok imorru fid-dawl tal-Bambin, ikollhom imorru fid-dlam. **(par. 4)**

F'dawn il-pajjiżi, fix-xhur xitwin, tant ikun hemm kesħa u bard li anki l-baħar tal-madwar jagħqad. Hekk isir silġa huwa wkoll. Is-sajjieda mbagħad, biex jistadu, iħaffru toqob ġos-silġ, għax taħt il-wiċċ tiegħu ffriżat, ikun hemm xorta waħda baħar kollu ħajja. **(par. 5)**

Kif għedna ftit qabel, f'pajjiżi bħal dawn huwa importanti li titkebbeb sew. Sa ftit taż-żmien ilu n-nies kienu jilbsu kowtijiet goffi magħmulin mill-ġild u s-suf tal-annimali. Biex jagħmlu hekk kienu joqtlu ħafna orsijiet polari, volpijiet u lpup. Imma llum il-ġurnata ħafna nies qed jippreferu jilbsu kowtijiet magħmulin minn drappijiet oħra mhux tal-ġilda imma li jsaħħnu ħafna xorta waħda. **(par. 6)**

Xi ħaġa li tolqotkom żgur hi li meta f'dawn il-pajjiżi jagħmel ħafna silġ, l-iskejjel ma jiftħux. Hekk it-tfal jiffrankaw ġurnata skola jew iktar! Imma tajjeb ngħidu wkoll li fix-xhur sajfin f'dawn il-pajjiżi l-iskejjel ma jagħlqux u t-tfal ma jkollhomx vaganzi daqskemm għandkom intom. **(par. 7)**

Insomma tfal, kesħa jew sħana, kollox fih tiegħu. Li hu żgur hu li f'pajjiżna m'għandniex kesħa kbira daqshekk, u s-silġ nsibuh fil-friżer biss! **(par. 8)**

* * *

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq l-istorja li qrajt. Ikteb pulit u tajjeb.**

**Jingħataw 3 marki żejda għal kitba tajba.**

**1.** Aqta' linja taħt it-tajba: (marka)

Skont l-istorja ħafna tfal jieħdu gost fis-sajf għax:

isiefru mal-ġenituri. / ma jkollhomx skola. / idumu ma jorqdu.

**2.** Semmi żewġ pajjiżi mill-istorja li fix-xitwa jinksew bis-silġ. (2 marki)

**i.** ______________________ **ii.** ______________________

**3.** Veru li kulħadd iħobbu s-sajf? Kif taf? (2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**4.** Xi kliem juża l-awtur biex juri x'jista' jiġrilu min joħroġ barra mhux liebes sew? X'eżempju jġib? (2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**5.** Veru li fil-baħar madwar il-pajjiżi kesħin ma jkunx hemm ħut? Kif taf? (2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**6.** Qabel, in-nies li kienu jgħixu fil-pajjiżi kesħin, kienu jilbsu kowtijiet magħmulin minn ġild u suf ta' annimali. Illum, in-nies x'jippreferu jilbsu? Għaliex taħseb li jippreferu jilbsu hekk? (2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**7.** Fl-opinjoni tiegħek, it-tfal li jgħixu fil-pajjiżi kesħin għandhom ħajja aħjar mit-tfal li jgħixu f'pajjiżi sħan? Għaliex? (2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**8.** Fisser il-qawl **mhux kulma jleqq hu deheb** f'paragrafu 2. (2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**9.** Xi tfisser l-espressjoni **fid-dawl tal-Bambin** fis-sentenza f'paragrafu 4: "Imma minflok imorru **fid-dawl tal-Bambin**, ikollhom imorru fid-dlam."? (2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

IL-KITBA

## A. IL-GRAMMATIKA U L-ORTOGRAFIJA (10 marki)

**1. Aqra din l-istorja qasira u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

Il-vettura spazjali Philae niżlet fuq kometa mbiegħda f'Novembru li għadda. Il-vettura spazjali titħaddem mid-dinja stess. Hija kienet ilha tivvjaġġa fl-ispazju għaxar snin. Din il-vettura tiġbed ritratti tal-kometa u tibgħathom lix-xjentisti.



| | | |
|---|---|---|
| a. | Mill-istorja sib u ikteb **nom fil-femminil**. | ______________________ |
| b. | Mill-istorja sib u ikteb **nom fil-plural**. | ______________________ |
| ċ. | Mill-istorja sib u ikteb **kelma bi pronom mehmuż**. | ______________________ |
| d. | Mill-istorja sib u ikteb **verb fil-preżent**. | ______________________ |

**2. Ikteb in-numru fi KLIEM.**




a) 20 = _________________ ewro

b) 37 = __________________________________ ċenteżmu

**3. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

| | | |
|---|---|---|
| a. | Ikteb il-**komparattiv** tal-kelma **twil**. | Marjo huwa _________ minn Sara. |
| b. | Ikteb **l-oppost** tal-kelma **ħażin**. | Il-kompjuter li xtrajt huwa _________. |
| ċ. | Ikteb kelma waħda flok **ir-ras tiegħu**. | Manwel għandu _________ tuġgħu. |
| d. | Daħħal **il-partiċella** t-tajba. | Pawlu xtara flokk _________ ta' ħuh. |

B. IL-KITBA TA' INTERVISTA (3 marki)

Is-Sibt li għadda inti u sħabek tal-iskola ltqajtu ma' Sandra Fenech. Din għadha kemm waslet lura Malta minn vjaġġ qalb il-muntanji. Hemmhekk rat annimal kbir u stramb iħuf. Il-Kap tal-Iskola qabbditek tagħmlilha intervista għar-rivista tal-iskola.

Ikteb ĦAMES MISTOQSIJIET li tixtieq tistaqsiha. Ikteb sabiħ u tajjeb.

1. ______________________________

2. ______________________________

3. ______________________________

4. ______________________________

5. ______________________________



Sandra Fenech qalb il-muntanji fejn rat annimal stramb u kbir.

## Ċ. IL-KITBA TA' STORJA QASIRA

**Agħżel waħda minn dawn l-istejjer u ikteb bejn 100 u 150 kelma fuqha.**

<table>
<tr><td></td><td>1. Silġa<br>Silġa hija l-qattusa tiegħek. Kull filgħodu tiġi fis-sodda ħdejk. Meta tiġi lura mill-iskola ssibha tistenniek. Imma lbieraħ ma rajtha xejn ...<br>X'taħseb li ġralha? Fejn marret? Sibtha? Ġieli għamlet hekk? Għaliex?</td></tr>
</table>

**JEW**

<table>
<tr><td></td><td>2. Ħbieb ma' pilota<br>Il-Ħadd li għadd inti u l-kuġini mortu timxu qalb l-għelieqi. Fid-daqqa u l-ħin rajtu ajruplan żgħir idur b'ħafna duħħan ħiereġ minnu. L-ajruplan waqa'!<br>X'għamiltu? Min kien hemm fl-ajruplan? Weġġa'? X'ġara wara?</td></tr>
</table>

**Ċ.i. Agħmel il-pjan tal-istorja li għażilt fl-ispazju t'hawn taħt. (2 marki)**

**Storja _________ (Ikteb 1 *jew* 2)**

Ċ.ii. Uża l-pjan tiegħek biex tikteb l-istorja li għażilt. (15-il marka)

L-istorja għandha tkun bejn 100 u 150 KELMA. Aqsam il-kitba tiegħek f'PARAGRAFI.

Ikteb sabiħ u tajjeb.

- Tmiem il-Karta –